C/2024/4402

8.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11604 — MONTAGU / TA ASSOCIATES / HARVEST)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4402)

1. Fis-27 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Montagu Private Equity LLP ("Montagu", ir-Renju Unit),

— TA Associates Management, L.P. ("TA Associates", L-Istati Uniti),

— Harvest Group ("Harvest", Franza), li bħalissa fl-aħħar mill-aħħar huwa kkontrollat mill-grupp Rothschild & Co (Franza).

Montagu u TA Associates se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Harvest.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Montagu hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq investimenti f'akkwiżizzjonijiet ta' kumpaniji,

— Ta Associates hija ditta ta' ekwità privata li ġeneralment tinvesti f'ħames setturi ewlenin, jiġifieri t-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, il-konsumaturi, u l-industriji tas-servizzi tan-negozju fl-Amerika ta' Fuq, l-Ewropa u l-Asja,

— Harvest toħloq u tfassal soluzzjonijiet diġitali u software għall-professjonisti fil-ġestjoni tal-ġid u l-finanzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11604 — MONTAGU / TA ASSOCIATES / HARVEST

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË